MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 74/2005

Kawza fil-lista: 36

**A B C**
**Vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-partijiet kien resqu ghal cerimonja taz-zwieg bejniethom fl-10 t’Ottubru 1998;

Premess illi b’din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta’ zwieg u dan peress:

1. illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

2. illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

3. illi l-kunsens tal-attur kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(d) e/jew (f) u/jew (g) tal-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntattat bejn l-attur u l-konvenuta fl-10 t'Ottubru 1998 huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

L-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255, liema tort huwa imputabbli fuq iz-zewg partijiet ugwalment;

2. Illi l-esponenti taqbel illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-

artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255, liema tort huwa imputabbli fuq iz-zewg partijiet.

Rat il-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti li biha ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-partijiet zzewgu fl-10 t’Ottubru 1998 gewwa l-Knisja ta’ Attard, kif ukoll illi huma sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni f’Mejju 2003.

Peress illi f’dana z-zwieg ma kellhom ebda tfal.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi biza’, ai termini tal-artikolu 19(1)(a) tal-Kap 255;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255;

Billi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fl-10 t’Ottubru 1998 huwa null u bla ebda effett fil-ligi.

Jghid l-attur ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fl-10 t’Ottubru 1998 huwa null u bla ebda effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.
Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa:

1. Illi l-esponenti ma jaqbilx illi l-kunsens tieghu ghaz-zwieg mal-konvenuta inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza, ai termini tal-artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255.

2. Illi l-konvenuta ghandha telabora u tipprova kif il-kunsens taghha ghaz-zwieg inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza, ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-10 ta' Ottubru 1998 huwa null u bla effett fil-ligi in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d],[f] u [g] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, imputabbli liz-zewg partijiet

Minn naha taghha l-konvenuta qablet mal-pretensjoni attrici in kwantu bazati fuq id-dispost tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu precitat; u fil-kontro talba taghha ziedet kawzali bazata fuq il-paragrafu [a] ta' l-istess Artikolu.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-10 ta' Ottubru 1998 wara gherusija twila, u sseparaw legalment fl-1 ta' Lulju 2003. Irrizulta pacifiku li l-konvenuta ma rieditx tizzewweg, nonostante li kienet ilha tohrog ma' l-attur ghal certu zmien, u cediet li tizzewwgu wara pressjoni minn naha ta' missierha. In oltre, irrizulta assodat mill-provi li l-konvenuta qatt ma riedet li jkollha tfal mill-attur, bir-rizultat

li l-koppja kienet teskludi materjalment din il-possibilita' fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom.

In tema legali jigi osservat li fis-sub inciz [f] ta' l-Artikolu precitat il ligi tikkontempla s-simulazzjoni. Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra [jew it-tnejn] esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew, dejjem b' dak l-att pozittiv tal-volonta' tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996; Muscat vs Borg E – 14.08.1995*]
Fil-kaz in disamina rrizulta manifest mill-provi li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha, il-konvenuta eskludiet obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali, fosthom il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Hija ma rieditx li tizzewweg lill-attur, u mill-bidu nett, nonostante li ghaddiet minn ceremonja esterna ta' zwieg, internament b' att posittiv tal-volonta' taghha eskludiet il-hajja matrimonjali.

Illi jinsab ritenut fil-gurisprudenza li il-fatt li anke parti wahda fiz-zwieg tkun eskludiet li jkollhom tfal huwa bizzejjed biex irendi z-zwieg null [*PA Anna Galea vs John Walsh 1994*]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija legalment u fattwalment gustifikata fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 fil-konfront tal-konvenuta; u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Illi in kwantu ghall-kontro talba jigi osservat li ghalkemm jirrizulta li missier il-konvenuta kien ghamel certu pressjoni morali fuq bintu sabiex tasal ghal decizjoni jekk hijex ser lill-attur jew le; dan il-fatt ma jissodisfax ir-rekwizi tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [a] ta' l-imsemmi artikolu. Ma jirrizultax li kien hemm dik il-vjolenza morali jew biza li jirrikjedi dan id-dispost tal-ligi. Ghaldaqstant din il-kawzali tal-kontro talba ma treggix, izda treggi fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonanti dik bazata fuq il-paragrafu [f] kif fuq spjegat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar it-talba attrici u l-kontro talba tal-konvenuta, billi tilqa' l-istess in kwantu bazati fuq id-dispost tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19 u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fl-10 ta' Ottubru 1998. L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------